# Restawr fuq il-vara titulari tal-Madonna tal-Karmnu

Joseph Zammit - Induratur u Restawratur

Meta ġejt avviċinat mill Kappillan, Fr. Martin D. Schembri, biex jafdali f'idejja ir-restawr u embalexximent fuq l-vara titulari, tal-Madonna tal-Karmnu tal-Parroċċa ta' Fleur-de-Lys, fraħt ħafna u bżajt fl-istess ħin.



It-tip ta' kif inhi msawra l-vara fuq stil awster, kważi bla ebda kulur ħlief il-kannella, u riġida fil-poża tagħha, iżda fl-istess ħin ta' ħlewwa kbira li tiġbdek, u tqanqal devozzjoni. Dak il-wiċċ ħelu tal-Bambin Ġesù u l-wiċċ sabieħ serju imma flistess ħin ta' ħlewwa kbira tal-Madonna huma biżżejjed biex jisirqulek qalbek u ssir tħobbhom.

Mill-banda l-oħra, il-libsa jew aħjar it-tonka li hi liebsa l-Madonna, ftit tħalli spazju għal embalixximent. Jien mill-ewwel kont tal-opinjoni li l-mant abjad tal-Madonna impoġġilu mottivi tal-fleur-de-lys, biex jiġi aktar bħala mant Irjali, kif fil fatt jixraq lis-Sinjura tal-Fleur-de-Lys! Id-disinn xtaqt li jkun mqabbeż bħar-rakkmu oħxon sabieħ bħal ma naraw fit-trieħi ta' l-artali tagħna fil-festi, u noħloq mottiv klassiku li jdur dawra mejt mall-mant, liema disinn ukoll xtaqt li jkun imqabbes bħar-rakkmu.

Patri Franco Falzon li għamel xi żmien bħala kappillan, u li kien disinjatur prim, iddisenja l-labtu tal-istess statwa fil-filigranu li l-majestrija liema bħalha ħoloq disinn tassew sabieħ kollu fleur-de-lys!

Wara żidt disinn pulit mad-dawra tal-iskapular, disinn li spiċċajtu fin-naħa t'isfel bl-arma tal-Ordni, sormontata mid-driegħ tal-profeta' Elija.

Diffikulta li ltqajt magħha rigward id-disinn kien iż-żarbun tal-Madonna, li kien żarbun iswed bħal tal-irġiel. Kif se taqbad iżżejjen żarbun? L-ewwel ħsieb kien li jsir sandli, iżda mill-ewwel ġiet skartata. Kien hemm min issuġġerixxa warda tad-deheb, iżda wara irraġunajt li x-xbiha tal-Madonna qedha hemm ukoll biex ittik messaġġ, u l-messaġġ hu biex tressaqna dejjem lejn Binha Gesù. Hi it-Tron tal-Għerf! Tħeġġeġ kollha bl-Ispirtu s-Santu, mela anke iż-żarbun għandu jwassal messaġġ. Naqqaxt fuqu il-kristogramma u taħta mużbieħ bil-fjamma, u ndurajtu kollu deheb u t-tifsira ħarġet waħida il-kristogramma, jiġifieri Kristu li Hu l-kelma, mela l-kelma tiegħek hi musbieħ għal riġlejja u dawl għal triqti.





Issa niġu għar-restawr. L-istatwa kellha ħafna ħsara fiż-żebgħa tant li f'ħafna bnadi bdiet titqaxxar, barra minn hekk kellha ħafna ħmieġ u nugrufun li inġemgħa maż-żmien. Il-wiċċ tal-Madonna kellu ħafna brix fuq il-ħaddejn ikkawżati miċ-ċaqliq tal-imsielet, brix u ksur fis swaba ta' jdejha ikkawżati l-aktar mill-labtijiet u l-bukketti. Minħabba l-pożizzjoni tal-id il-leminija tal-Madonna, kien veru diffiċli biex torbot il-labtu u l-bukkett. Dawn kienu jintrabtu bix-xlief, li kkawża ħafna ħsara anke fil-labtijiet infushom.

Il-Bambin kellu ħafna brix f'għonqu ikkawżat minn ġiżirana pjuttost wiesgħa li jlibbsulu fil-festa. Kellu swaba minn idejh ix-xellugija miksura, għalhekk ġie deċiż li jinbidlu kemmxejn il-pożizzjoni tal-id il-leminija tal-Madonna u x-xellugija tal-Bambin (dawk li jżommu l-labtijiet). Ħloqnilhom speċi ta' bokkini tal-fidda, biex jidħlu l-bukketti u jiddendlu l-labtijiet mingħajr ħsara ta' xejn.





L-Istatwa oriġinarjament kien fiha tlett passati żebgħa, undercoat u finish tal-fabbrika flimkien ma dberfila tal-porporina. Reġgħet ġiet miżbugħha għat-tieni darba fis-sittinijiet, fejn saritilha wkoll tberfila indurata bil-murdent.

Għalhekk wara li tqaxxret mill-passati kollha msemmija ġiet miksijja bil-ġesso tal-induraturi għall aktar minn għoxrin passata, tnaqqax id-disinn, u wara ġiet indurata b'deheb ta' 24 karat għal darbtejn, u ġie applikat il-kulur.

Ġew mnaddfa u restawrati l-uċuħ u l-karnaġġjon tal-Madonna u l-Bambin, u wara ġiet applikata protezzjoni apposta li wassal dan ir-restawr fit-tmiemu.

Waqt li minn qalbi nirringrazzja lil Alla l-Imbierek u lil Madonna talli x-xogħol kollu ħareġ għal qalbi, nirringrazzja wkoll lill maħbub Kappillan u l-komunita kollha tal-parroċċa għal fiduċja li wrejtu fijja u minn qalbi nixtieqilkom il-festa t-tajba.






# Ħsarat li ġarbet l-istatwa titulari

Kienet ilha tinħas il-ħtiega li l-vara titulari għandha bżonn restawr flimkien ma xi tiswijiet; mod speċjali fl-idejn fejn iżommu il-labtijiet. Dan minħabba tlett fatturi importanti: (a) il-labtijiet huma xi ftit tqal kemm għal idejn il-Madonna kif ukoll tal-Bambin (b) kif ukoll d-deheb li jħalli marki suwed meta l-vara tinħareġ fit-toroq għall-purċissjoni.



Għalhekk hekk kif għaddiet il-festa kemm il-Madonna kif ukoll il-bambin ittihdulhom sett ritratti biex tiġi analizzata l-ħsara li għandhom kif ukoll biex il-komunità tkun tista' tagħmel rapport li provinċjal u l-kunsill tiegħu. Wara xi ftit żmien il-Provinċjal ta' l-permess tiegħu biex l-istatwa tittiehed għand restawratur u dekoratur biex barra li tissewwa l-ħsara il-vara tiġi dekorata b' disinni addattati.




LESTI NOFFRULEK FLUS JEW INPARTU D-DEHEB QADIM TIEGHEK. NOFFRU PREZZ AHJAR GHAL DEHEB LI GHADU F'KUNDIZZJONI TAJBA U PREZZ SPECJALI FUQ L-OGETT IL-GDID FL-EVENTWALITA' LI TPARTAT.

JEKK JOGHGBOK IRRIKORRI GHAND

PAVILION

JEWELLERS

41 REPUBLIC STREET, VLT 1113 VALLETTA, MALTA














# Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.

Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-*customer service* u mmexxija minn *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p l c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.